Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,472, 28 ta' Awwissu, 2020
Taqsima B

A.L. 349 tal-2020

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2020 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor of Arts – B.A. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2020 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor of Arts – B.A. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Bachelor of Arts – B.A.;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Arts – B.A.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2020 jew wara.

L-Oqsma ta' Studju

3. (1) Il-Kors ikun offrut f'oqsma ta' studju li jistgħu jittieħdu flimkien u li jaqgħu taħt ir-responsabbilità akkademika tal-Bord. Suġġett għall-approvazzjoni tas-Senat, il-Bord jista' joffri wkoll kwalunkwe qasam ta' studju offrut mill-Fakultà ma' oqsma ta' studju oħra li jaqgħu taħt ir-responsabbilità ta' entitajiet akkademiċi oħra fi ħdan l-Università, wara l-approvazzjoni tal-Bord tal-Fakultà rispettiva.

(2) L-oqsma ta' studju li jistgħu jittieħdu flimkien ikunu ppubblikati mill-Bord qabel il-bidu ta' kull Kors u wara l-approvazzjoni tas-Senat, sakemm li fi kwalunkwe sena, l-oqsma ta' studju li jistgħu jittieħdu flimkien għandhom ikunu offruti skont id-disponibbilità tar-riżorsi.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

4. (1) Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom ikollhom ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul.

(2) L-applikanti li l-għażla tat-tieni qasam ta' studju prinċipali taqa' taħt ir-responsabbiltà ta' entitajiet akkademiċi oħra fi ħdan l-Università jkunu meħtieġa li jkollhom dawk il-kwalifiki relevanti għall-qasam ta' studju kif indikat fl-ordinamenti tal-grad fil-qasam ta' studju offrut taħt il-patroċinju tal-entità akkademika responsabbli għad-dixxiplina.

(3) L-applikanti kkunsidrati bħala "Studenti Adulti" (applikanti maturi) skont il-paragrafu (ċ) tar-regolament 6 tar-Regolamenti għad-Dħul għandu jkollhom dawk il-kwalifiki u/jew l-esperjenza li juru lill-Kumitat għad-Dħul tal-Fakultà li jkunu laħqu l-livell akkademiku neċessarju biex isegwu l-Kors bi profitt. Dawn l-applikanti jkunu meħtieġa jissottomettu mal-applikazzjoni tagħhom ittra miktuba bl-Ingliż fejn jagħtu l-motivazzjoni tagħhom biex jidħlu fil-Kors flimkien ma' kopja tal-*Curriculum Vitae* (C.V.) tagħhom.

(4) L-eliġibbilità tal-applikanti msemmija fil-paragrafu (3) ta' dan l-ordinament għandha tkun deċiża mill-Bord tad-Dħul tal-Fakultà, wara intervista li tkun immexxija minn bord tal-intervisti maħtur għal dan il-għan.

(5) Il-bord tal-intervisti maħtur mill-Bord għandu jkun magħmul minn tal-anqas tliet persuni.

It-Tul tal-Kors

5. Il-Kors jinfirex fuq perijodu ta' tliet snin ta' studju *full-time*.

Il-Programm tal-Kors

6. (1) Il-programm tal-Kors għandu jikkonsisti minn għadd ta' taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 180 krettu ECTS, li minnhom mhux anqas minn 80 krettu ECTS ikunu assenjati f'kull wieħed miż-żewġ oqsma ta' studju magħżula.

7. Il-Bord għandu jippubblika l-programm ta' studju għall-Grad qabel il-bidu tal-Kors. Suġġett għal tibdiliet li l-Bord, bl-approvazzjoni tas-Senat, jista' jkun kostrett li jagħmel, l-istudenti għandhom isegwu t-taqsimiet studju u jiksbu l-kretti kif indikat fil-programm ta' studju għall-Grad, sakemm li l-programm ta' studju hu mfassal skont il-provvedimenti rilevanti tar-Regolamenti Prinċipali.

8. L-istudenti jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Grad jekk jiksbu l-180 krettu ECTS kif spjegat fil-programm ta' studju tal-Kors.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

9. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-klassifikazzjoni tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fit-tliet snin tal-Kors li jkollhom dan il-piż:

Il-Marka Medja tal-Ewwel Sena	20%
Il-Marka Medja tat-Tieni Sena	40%
Il-Marka Medja tat-Tielet Sena	40%